MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 21/2005/2

**Joseph Emanuel u Carmen konjugi Ruggier**

**v.**
**Joseph Oliver Ruggier f'ismu proprju u ghal**
***S.O.C.&K. Ltd*, u l-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan hu appell – proprjament zewg appelli – minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali u "konvenzjonali" fl-10 ta' Lulju, 2006. Id-difensuri tal-partijiet – l-Avukati Dott. Ian

Refalo u Dott. Mark Refalo ghar-rikorrenti appellanti konjugi Ruggier, l-Avukati Dott. Adrian Delia u Dott. Cherise Ellul ghall-intimat appellant Joseph Oliver Ruggier, l-Avukata Dott. Victoria Buttiegieg ghall-appellat Avukat Generali – ittrattaw dawn l-appelli fl-udjenza tat-12 ta’ Frar, 2007. Il-kawza tirrigwarda allegazzjoni ta’ nuqqas ta’ smigh xieraq u ksur tal-jedd tat-tgawdija tal-jedd ta’ proprjeta. Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza gew tarccjati b’mod mill-aktar car fis-sentenza appellata. Din il-Qorti sejra tirriproduci l-imsemmija sentenza fl-intier taghha ghax fiha, apparti accenn ghall-fatti li taw lok ghall-kawza, din is-sentenza fiha wkoll ir-ragunamenti li wasslu lill-ewwel Qorti tiddeciedi kif effettivament iddecidiet. Is-sentenza tghid hekk:

"F’din il-kawża r-rikorrenti qegħdin jitolbu rimedju għax qegħdin igħidu illi, fi proċeduri ġudizzjarji li wasslu għal sentenza ta’ żgumbrament mogħtija kontra tagħhom, huma ma ngħatawx smigħ xieraq minn tribunal imparzjali u indipendenti, bi ksur tal-jedd fondamentali tagħhom imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”] u taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”]; qegħdin igħidu wkoll illi nkiser il-jedd tagħhom għat-tgawdija tal-proprjetà tagħhom, imħares taħt l-art. 1 ta’ l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni [“l-Ewwel Protokoll”] u l-art. 37 tal-Kostituzzjoni.

"Ir-rikorrenti fissru illi b’kuntratt tat-8 ta’ Lulju 1980 fl-atti tan-Nutar George Bonello Du Puis huma kienu kisbu mingħand l-intimat Joseph Oliver Ruggier, b’ċens ta’ ħamsa u tletin lira (Lm35) fis-sena, id-dar b’*garage* magħha fi triq ġdida — illum Triq l-Għenba — li tagħti fi Triq Santa Caterina, Ħ’Attard. Il-fond kien fi stat ta’ ġebel u saqaf u kien tlesta mir-rikorrenti.

"Ħafna snin wara li sar il-kuntratt, fl-1994, is-soċjetà intimata *S.O.C.& K. Ltd* fetħet kawża kontra r-rikorrenti għall-ħlas ta’ arretrati ta’ ċens u biex il-qorti tgħid illi ċ-ċens inħall; kienu saru wkoll żewġ ittri uffiċjali: waħda fit-23 ta’ Settembru 1993 u oħra fis-7 ta’ Marzu 1994.

"Iż-żewġ ittri uffiċjali kienu saru biss kontra r-rikorrent Joseph Emanuel Ruggier; ir-rikorrenti Carmen Ruggier, martu, qatt ma kienet imsejħa biex tħallas iċ-ċens qabel ma nfetħet il-kawża.

"B'sentenza ta' l-14 ta' Novembru 1994 fl-ismijiet **Joseph Oliver Ruggier *proprio et nomine versus* Joseph Emanuel Ruggier**, mogħtija fil-kontumaċja tar-rikorrenti (hemm konvenuti), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ħallet il-kuntratt fuq imsemmi ta' ċens perpetwu, ordnat lir-rikorrenti joħorġu mill-fond fi żmien tliet xhur mis-sentenza, u ikkundannathom iħallsu mija u ħamsa u sebgħin lira (Lm175) bħala arretrati ta' ċens.

"Ir-rikorrenti iżda jgħidu illi huma qatt ma kienu notifikati bl-atti tal-kawża, u kien għalhekk li qatt ma ressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom. Igħidu wkoll illi mill-atti ma jidher li saret ebda notifika lir-rikorrenti Carmen Ruggier, waqt illi, għalkemm mill-atti jidher li saret notifika bil-posta lil Joseph Emanuel Ruggier, fil-fatt kopja taċ-ċitazzjoni ġiet f'idejh ħafna żmien — aktar minn ħames snin — wara, u t-tnejn li huma ma kienu jafu xejn bil-proċeduri li kienu qegħdin jitmexxew kontra tagħhom, tant illi, ukoll wara li, bla ma kienu jafu, ingħatat kontriehom is-sentenza ta' l-1994, huma xorta baqgħu jagħmlu spejjeż u xogħlijiet fid-dar.

"Fis-6 t'Ottubru 2000, sew wara li għaddew ħames snin fuq is-sentenza, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kienet mitluba tawtorizza l-eżekuzzjoni tas-sentenza. Qabel ma saret dik it-talba, ir-rikorrenti qatt ma ħallsu u qatt ma kienu mitluba jħallsu l-ispejjeż ta' l-ewwel kawża jew l-arretrati, kif kienu marbuta li jagħmlu taħt is-sentenza, u kien biss f'dak il-waqt li saru jafu bil-kawża u s-sentenza. Għalhekk fl-4 ta' Ġunju 2001, biċ-ċitazzjoni numru 1007/2001 fl-ismijiet **Joseph Emanuel Ruggier *et versus* Joseph Oliver Ruggier *et***, huma talbu ritrattazzjoni tal-kawża.

"Fil-21 ta' Marzu 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili awtorizzat l-eżekuzzjoni tas-sentenza għalkemm kienet saret talba għal ritrattazzjoni. Imbagħad, b'sentenza tad-19 ta'Jannar 2004, ċaħdet it-talba għal ritrattazzjoni għax

it-talba kienet saret aktar minn ħames snin wara li ngħatat l-ewwel sentenza.  Id-digriet li awtorizza l-eżekuzzjoni kien konfermat fl-appell fl-1 ta' Frar 2005.

"Ir-rikorrenti jgħidu illi s-sentenza ta' l-14 ta' Novembru 1994 inkisbet bi ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq. Ma kinux jafu bil-proċeduri kontriehom, u saru jafu bihom snin wara, tant illi meta fittxew ritrattazzjoni ntlaqgħu bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' ħames snin, u għalhekk baqgħu mingħajr rimedju biex iwaqqgħu s-sentenza miksuba kontriehom.  Dan kollu juri biċ-ċar illi nkisru l-jedd fondamentali tagħhom għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni u l-art. 39 tal-Kostituzzjoni, u wkoll il-jedd għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom imħares taħt l-art. 1 ta' l-Ewwel Protokoll u l-art. 37 tal-Kostituzzjoni billi ġew imċaħħda minn ħwejjiġhom mingħajr kumpens.

"Għalhekk ir-rikorrenti talbu illi din il-qorti tgħid illi bil-proċeduri u bis-sentenzi msemmija fuq, l-aktar dik ta' l-14 ta' Novembru 1994, inkisru l-jeddijiet fondamentali tagħhom kif imfisser fuq.  Talbu għalhekk illi l-qorti tagħtihom kull rimedju xieraq u meħtieġ sabiex jagħmel tajjeb għall-ksur, billi, fost ħwejjeġ oħra, tħassar is-sentenza ta' l-14 ta' Novembru 1994.  Talbu wkoll l-ispejjeż.

"L-Avukat Ġenerali wieġeb fis-26 ta' Mejju 2005 u ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

"1.  din il-proċedura hija frivola u vessatorja għax maħsuba biex ittawwal il-proċeduri billi l-atti juru illi r-rikorrenti kienu notifikati bil-proċeduri li kien hemm kontriehom;

"2.  il-proċedura hija abbuż mill-proċess ġudizzjarju u tal-proċedura kostituzzjonali għax ir-rikorrenti qegħdin jinqdew biha biex issir reviżjoni, fit-tielet istanza, ta' diversi sentenzi u digrieti biex ir-rikorrenti fl-aħħar jilħqu l-ħsieb tagħhom li jaqilbu s-sentenza ta' l-14 ta' Novembru 1994; iżda r-rikorrenti setgħu kienu attivi fil-proċedura li wasslet għal dik is-sentenza imma ma kinux;

"3. ir-rikorrenti setgħu, f'kull stadju tal-proċeduri kontriehom, jitolbu li ssir referenza kostituzzjonali taħt l-art. 46(3) tal-Kostituzzjoni, iżda dan ma sarx; għalhekk ir-rikorrenti kellhom rimedju ieħor taħt l-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni li setgħu inqdew bih iżda dan ma għamluhx, u l-qorti għal din ir-raġuni għandha tieqaf tisma' din il-kawża;

"Dawn l-ewwel tliet eċċezzjonijiet kienu miċħuda b'sentenza tat-12 ta' Diċembru 2005.

"4. ir-rikorrenti għandhom igħidu b'mod ċar liema parti ta' l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u ta' l-art. 6 al-Konvenzjoni qegħdin igħidu li nkisru u b'liema fatti speċifiċi;

"5. ma kien hemm ebda ksur tad-dritt fondamentali għal smigħ xieraq, la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni, għax ir-rikorrenti kienu mgħarrfa bil-proċeduri kontriehom f'kull stadju u hekk ingħataw opportunità sħiħa li jieħdu sehem attiv fihom, u li jkollhom smigħ u smigħ xieraq, iżda huma naqsu milli jagħmlu dan — forsi xjentement — u issa ma jistgħux jilmentaw li ma kellhomx smigħ xieraq;

"6. ma hemm ebda ksur tad-dritt għall-proprjetà taħt l-art. 1 ta' l-Ewwel Protokoll u l-art. 37 tal-Kostituzzjoni għax dawn l-artikoli ma jgħoddux għall-każ tallum: l-art. 37(2)(*b*), (*f*) u (*h*) tal-Kostituzzjoni jgħidu illi l-art. 37 ma jgħoddx fejn il-proprjetà tittieħed minħabba obbligi ġejjin minn kuntratt jew minħabba ksur ta' liġi jew minħabba ordni tal-qorti, u l-art. 1 ta' l-Ewwel Protokoll ukoll jipprovdi għal din l-eċċezzjoni;

"7. bla preġudizzju għall-eċċezzjoni ta' qabel din, irid jiġi determinat ta' min hi l-proprjetà sabiex ikun magħruf jekk kienx hemm teħid ta' proprjetà mingħajr kumpens; din l-eċċezzjoni qiegħda titressaq għax ir-rikorrenti issa qegħdin igħidu illi l-kuntratt tat-8 ta' Lulju 1980 hu kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà biċ-ċens fuqha iżda fi proċeduri oħrajn li saru qabel qalu illi l-kuntratt kien ta' kostituzzjoni ta' ċens;

"8. dwar notifiki li r-rikorrenti jgħidu li ma sarux, għandhom isiru dawn l-osservazzjonijiet li juru illi r-rikorrent kien mgħarraf bil-proċeduri iżda b'negliġenza jew b'għażla ma għamel xejn dwarhom:

a. hemm żewġ ittri uffiċjali kontra r-rikorrenti, it-tnejn notifikati lir-rikorrent iżda waħda mħollija f'idejn ibnu, u t-tnejn jidhru notifiki validi; ma jidhirx illi r-rikorenti għamel xi ħaġa dwar dawn l-ittri uffiċjali;

b. ir-rikorrenti kien notifikat għall-inqas bl-avviż tas-smigħ tal-kawża 749/1994; għalkemm jista' jkun illi ma' l-avviż ma kienx notifikat ukoll bl-inkartament sħiħ, madankollu xorta seta' serva biex iwissi lir-rikorrent li kien hemm xi proċeduri għaddejjin li jinteressaw lilu, u kien imissu għamel dak li kien meħtieġ, u mhux jagħżel li ma jagħmel xejn;

c. ma kienx meħtieġ illi r-rikorrenti l-oħra, Carmen Ruggier, tkun notifikata wkoll, għallinqas bil-proċeduri bikrija, għax il-kuntratt sar ma żewġha biss u hi ma kinitx parti fih;

"9. f'kull każ ma kien hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, la taħt il-Kostituzzjoni u lanqas taħt il-Konvenzjoni, u għalhekk it-talbiet tagħhom għandhom jiġu miċħuda.

"L-intimati Joseph Oliver Ruggier u s-soċjetà *S.O.C.& K Ltd* wieġbu fis-26 ta' Mejju 2005 u effettivament qalu illi ma kienx hemm ksur tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorenti (i) għax dawn kienu notifikati bil-proċeduri kontriehom u (ii) għax dan ma hux każ ta' teħid ta' proprjetà iżda każ ta' esekuzzjoni ta' sentenza li ngħatat taħt il-liġi u li biha s-sid — l-intimati stess — ingħata l-fakoltà li jieħu lura l-proprjetà tiegħu.

"Ressqu wkoll l-eċċezzjoni illi r-rikors sar ħażin għax ma jgħidx illi sar quddiem din il-qorti fis-sede kostituzzjonali tagħha.

"Din l-aħħar eċċezzjoni hija ħażina, u nistgħu neħilsu minnha min issa stess, għax l-art. 46 tal-Kostituzzjoni u l-art. 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jagħtu ġurisdizzjoni biex tisma' u taqta' kawżi dwar allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet fondamentali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bla ma joħolqu xi "sede" speċjali ta' din il-qorti biex tisma' kawżi bħal dawn.

"Ngħaddu mela biex inqisu l-meritu tal-kawża.

"Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

"Ir-rikorrenti kellhom l-utli dominju għal dejjem ta' dar u *garage* fi Triq Santa Caterina, Ħ'Attard, u s-soċjetà intimata *S.O.C.& K. Ltd* kellha d-dirett dominju. Billi r-rikorrenti kienu waqgħu lura fil-ħlas taċ-ċens, is-soċjetà intimata u l-intimat Ruggier *proprio* kienu fetħu kawża fl-ismijiet **Joseph Oliver Ruggier *proprio et nomine versus* Joseph Emanuel Ruggier *et*** (ċitazzjoni numru 749/1994) għall-ħlas ta' l-arretrati u għall-ħall ta' l-enfitewsi taħt l-art. 1517 tal-Kodiċi Ċivili. Ir-rikorrenti ma ressqux eċċezzjonijiet u ma dehrux għas-smigħ tal-kawża, u għalhekk il-qorti, b'sentenza mogħtija fl-14 ta' Novembru 1994, ħallet l-enfitewsi.

"L-intimati ma fittxewx l-esekuzzjoni tas-sentenza qabel ma għaddew ħames snin u għalhekk, b'rikors numru 2316/2000 tas-6 t'Ottubru 2000 magħmul taħt l-art. 258 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, talbu illi l-qorti tagħtihom is-setgħa li jiksbu l-esekuzzjoni. Il-qorti laqgħet it-talba b'diGriet mogħti fil-21 ta' Marzu 2002. Ir-rikorrenti appellaw minn dak id-diGriet iżda l-Qorti ta' l-Appell, b'sentenza mogħtija fl-1 ta' Frar 2005, ċaħdet l-appell.

"Ir-rikorrenti fittxew ukoll, bi proċeduri ta' ritrattazjoni mibdija b'ċitazzjoni fl-ismijiet **Joseph Emanuel Ruggier *et versus* Joseph Oliver Ruggier *proprio et nomine*** (ċitazzjoni numru 1007/2001), illi l-kawża maqtugħa bis-sentenza ta' l-14 ta' Novembru 1994 tinstema' mill-ġdid, wara li titħassar dik is-sentenza. Il-qorti iżda, b'sentenza mogħtija fid-19 ta' Jannar 2004, ċaħdet it-talba billi saret

aktar minn ħames snin wara li kienet inqatgħet il-kawża li r-rikorrenti kienu qegħdin ifittxu li tinstema' mill-ġdid.

"Ir-rikorrenti issa qegħdin bil-proċeduri tallum ifittxu rimedju kostituzzjonali għax qegħdin igħidu illi fil-kawża maqtugħa bis-sentenza ta' l-14 ta' Novembru 1994 ma ngħatawx smigħ xieraq għax huma, billi ma kinux mgħarrfa b'dik il-kawża qabel ma nqatgħet u s-sentenza saret *res iudicata*, ma setgħux jidhru biex jinstemgħu f'dawk il-proċeduri, u hekk bla ma huma kellhom fakoltà li jinstemgħu ingħatat sentenza li ċċaħħadhom mill-proprjetà tagħhom.

"Jekk toqgħod biss fuq l-atti tal-kawża mibdija biċ-ċitazzjoni numru 947/1994, jidher illi r-rikorrent Joseph Emanuel Ruggier kien notifikat — għallinqas bl-avviż tas-smigħ — fis-16 ta' Lulju 1994, fi żmien utli qabel is-smigħ tal-kawża, li sar fl-14 ta' Novembru 1994.

"Kif ġà qalet din il-qorti fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Diċembru 2005 dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, li kieku, waqt is-smigħ ta' kawża, jirriżulta illi waħda mill-partijiet, għalkemm notifikata bl-avviż tas-smigħ, ma kinitx notifikata bl-atti kollha, dik kienet tkun raġuni tajba biex il-qorti tħassar dak li jkun sar sa dak il-waqt u tordna illi l-kawża terġa' tibda tinstema' wara illi tkun saret in-notifika. Konsiderazzjonijiet oħra jgħoddu iżda jekk in-nuqqas ta' notifika jitqajjem wara illi l-kawża tkun inqatgħet, għax jekk parti li, għalkemm ma tkunx notifikata bl-atti kollha, tkun taf bil-kawża, tħalli dik il-kawża timxi u tinqata' bla ma tgħid xejn dwar in-nuqqas ta' notifika, tkun imxiet b'nuqqas kbir ta' għaqal u, jekk imbagħad tqajjem il-kwistjoni ta' nuqqas ta' notifika wara li l-kawża tkun inqatgħet, tkun ukoll qiegħda tabbuża mill-proċess ġudizzjarju. Fil-każ tallum, jekk tassew ir-rikorrent kien notifikat bl-avviż tas-smigħ, kien imissu deher għas-smigħ tal-kawża u hemmhekk kien jingħata rimedju għan-nuqqas ta' notifika ta' l-atti l-oħra. Jekk, minkejja n-notifika ta' l-avviż tas-smigħ, ma deherx, mela *imputet sibi* għal dak li ġara wara, u lanqas ma jkun jista' jilmenta dwar ksur tal-jedd għall-proprjetà, għax it-teħid ta' proprjetà mingħand min, bis-saħħa ta' sentenza ta' qorti,

ma għandux jedd għaliha ma hijiex ksur tal-jedd għall-proprjetà iżda anzi ħarsien tal-jedd ta' dak li lilu tmiss dik il-proprjetà.

"L-argument tar-rikorrenti, iżda, huwa proprju illi minkejja dak li tgħid ir-riferta huma ma ġew notifikati b'xejn, imqar bl-avviż tas-smigħ, u għalhekk is-sentenza li ngħatat kontriehom ma tiswiex.

"Għalkemm il-kwistjoni jekk in-notifika saritx jew le jkollha konsegwenzi determinanti għal din il-kawża, għax fuqha jiddependi jkunx inkiser il-jedd għal smigħ xieraq jew le, din il-qorti hija tal-fehma illi stħarriġ fattwali dwar jekk saritx in-notifika ma għandux issr fi proċeduri kostituzzjonali iżda fi proċeduri taħt il-liġi ordinarja, imqar jekk dawk il-proċeduri, għalkemm taħt il-liġi ordinarja, ikunu fihom infushom ta' natura straordinarja. Fil-fatt il-liġi ordinarja tagħti rimedju, bil-proċedura straordinarja tar-ritrattazzjoni, lil min igħid illi ma kienx notifikat bi proċeduri ġudizzjarji kontra tiegħu. Fil-każ tallum, iżda, ir-rikorrenti ma jistgħux jinqdew b'dak ir-rimedju għax is-sentenza li jkollha titwarrab biex il-kawża tinstema' mill-ġdid inqatgħet aktar minn ħames snin qabel ma r-rikorrenti saru jafu bil-kawża, u għalhekk ir-rimedju tar-ritrattazjoni hu magħluq għalihom minħabba f'dak li jgħid l-art. 818(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili: "Ma tista' tintalab f'ebda każ ritrattazzjoni wara li jgħaddu ħames snin minn meta tkun ingħatat l-ewwel sentenza".

"L-art. 818(2) ċaħħad lir-rikorrenti mill-opportunità li juru li s-sentenza ta' l-14 ta' Novembru 1994 ingħatat bla ma tħares il-prinċipju *audi alteram partem*, u kien għalhekk li fittxew rimedju kostituzzjonali. Li jkun meħtieġ f'kull każ biex jingħata rimedju, sew li kieku kien possibbli għar-rikorrenti li jitolbu ritrattazzjoni taħt il-liġi ordinarja u sew biex din il-qorti fil-proċeduri tallum tgħid illi ma ngħatawx smigħ xieraq u tħassar is-sentenza ta' l-14 ta' Novembru 1994, hu illi ssir il-prova fattwali illi n-notifika ma saritx. Effettivament, f'kull każ tkun qiegħda ssir proċedura *in rescindendo* biex turi illi seħħ dak li jgħid l-art. 811(*b*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

"Lil din il-qorti, iżda, ma jidhrilhiex li tkun proċedura u organizzazzjoni ġudizzjarja tajba u effiċjenti dik li tagħti rimedju, effettivament ikun dak ta' ritrattazzjoni, fejn il-proċedura *in rescindendo* ssir taħt il-liġi ordinarja meta l-kawża li jkun qiegħed jintalab is-smigħ tagħha mill-ġdid tkun inqatgħet anqas minn ħames snin qabel, u fejn dik il-proċedura ssir taħt il-Kostituzzjoni meta l-kawża tkun inqatgħet aktar minn ħames snin qabel. Għaldaqstant, ma jidhrilhiex illi huwa l-każ li jingħata r-rimedju li qegħdin jitolbu r-rikorrenti, *i.e.* illi tgħid illi s-sentenza ta' l-14 ta' Novembru 1994 ingħatat bi ksur tad-dritt tagħhom għal smigħ xieraq u għalhekk tħassar dik is-sentenza. Billi iżda għandha s-setgħa li "tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet" li jħarsu d-drittijiet fondamentali, u billi għall-ħarsien u t-twettiq tal-jedd tar-rikorrenti għal smigħ xieraq huwa meħtieġ illi jkollhom opportunità li juru illi ma kinux notifikati bil-proċeduri li kienu saru u nqatgħu kontriehom, tipprovdi billi terġa' tqiegħed lill-partijiet fil-pożizzjoni li kienu fiha qabel ma r-rikorrenti ippreżentaw iċ-ċitazzjoni fl-ismijiet **Joseph Emanuel Ruggier** ***et versus*** **Joseph Oliver Ruggier** ***proprio et nomine*** (ċitazzjoni numru 1007/2001), u tqegħedhom ukoll fil-pożizzjoni li kienu fiha meta kienu għaddew biss erba' snin u għaxar xhur wara s-sentenza ta' l-14 ta' Novembru 1994, biex hekk ir-rikorrenti jkollhom xahrejn oħra millum biex jerġgħu jressqu talba ġudizzjarja taħt l-art. 811(*b*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għas-smigħ mill-ġdid tal-kawża maqtugħa bis-sentenza ta' l-14 ta' Novembru 1994.

"Il-kawża tallum hija differita *sine die* u terġa' titqiegħed fuq il-lista, fuq talba ta' min mill-partijiet ikollu interess, biex jingħata kull provvediment li jibqa' meħtieġ u dwar l-ispejjeż wara li jkunu ntemmu finalment il-proċeduri ta' ritrattazzjoni jew wara li jkun għadda inutilment iż-żmien ta' xahrejn li qiegħed jingħata lir-rikorrenti."

**<u>L-appelli</u>**

2. Minn din is-sentenza appellaw sia il-konjugi Ruggier kif ukoll l-intimat Joseph Oliver Ruggier *pro et noe*. Il-konjugi Ruggier jillanjaw bazikament li r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti ma hu rimedju xejn fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz taghhom. Skond huma, l-ewwel Qorti ma dahlitx fil-meritu tan-nuqqas o meno ta' smigh xieraq izda minflok irrimandathom ghar-rimedju tar-ritrattazzjoni. Huma jkomplu jillanjaw hekk:

"Bir-rispett, rimedju kostituzzjonali jimplika sejbien ta' vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali, illi ghalhekk jew inghataw smigh xieraq u ghalhekk ma hemm bzonn li jinghataw l-ebda rimedju jew inkella d-dritt tal-esponenti ghal smigh xieraq gie lez u ghalhekk ghandhom jinghataw rimedju xieraq, billi mill-anqas jigu rexxissi dawk il-proceduri li ttiehdu bi vjolazzjoni tad-drittijiet taghhom.

"Illi fi kwalsiasi kaz 'ir-rimedju' ta' ritrattazzjoni ma hija l-ebda 'rimedju', hija biss azzjoni li ttawwal il-proceduri inutilment. Wara kollox ghandu jigi rilevat li l-gurisprudenza ta' dina l-Onorabbli Qorti hija kostanti fis-sens li l-procedura ta' ritrattazzjoni hija procedura straordinarja u l-ebda lanjanti ma huwa kostrett jezawrixxi dina l-procedura qabel ma juzufruwixxi ruhhu mir-rimedju kostituzzjonali. Huwa stramb ghalhekk kif din id-darba 'r-rimedju' li qed jigi moghti mill-Ewwel Onorabbli Qorti hija li l-esponenti ghandhom jirrikorru ghal procedura ta' ritrattazzjoni quddiem il-Qrati Civili fil-kompetenza straordinarja taghhom."

3. Huma jkomplu jsostnu li huma gabu provi bizzejjed, permezz tar-referenza li ghamlu ghad-diversi atti ta' kawzi u proceduri ohra, li fil-fatt fil-proceduri li wasslu ghas-sentenza tax-xoljiment tac-cens perpetwu – is-sentenza tal-14 ta' Novembru 1994, fl-ismijiet ***Joseph Oliver Ruggier pro et noe v. Joseph Emanuel Ruggier et*** [citaz: **749/1994**] huma ma kienux inghataw smigh xieraq peress li ma kienu gew qatt notifikati bl-atti tal-kawza u anqas ma kienu gew notifikati bl-avviz tas-smigh, u li ghalhekk ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti ma kien rimedju xejn – dik il-Qorti kellha, skond huma,

semplicement tannulla u tirrexxindi dik is-sentenza tal-14 ta' Novembru, 1994.

4. Ir-rikors ta' appell ta' Joseph Oliver Ruggier *pro et noe* imur, naturalment, fl-estrem l-iehor, u jitlob li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza tal-10 ta' Lulju 2006, billi tiddikjara li ma kien hemm lezjoni ta' ebda dritt fondamentali tal-konjugi Ruggier u li ghalhekk ma ghandu jinghata ebda tip ta' rimedju. Ghalkemm dana r-rikors huwa verbuz b'tali mod li hafna drabi wiehed difficilment jifhem ezattament x'qed jipprova jghid dana l-appellant, qari ripetut tar-rikors iwassal lil din il-Qorti li tissentetizza l-lanjanzi tieghu hekk: (i) jekk l-ewwel Qorti ma kenitx is-sede li kellha tiddetermina jekk kienx hemm notifika jew le, allura hija ma setghetx tghaddi biex taghti rimedju lill-appellanti l-ohra meta ma rrizultax li kien hemm lezjoni tad-drittijiet fondamentali; (ii) kien hemm in-notifiki mehtiega fil-proceduri 749/1994; u (iii) l-ewwel Qorti ma setghetx taghti r-rimedju ta' ritrattazzjoni ghat-tieni darba fl-istess proceduri ghax dan ikun jammonta ghal bdil "insostenibbli u inaccettabbli" ta' l-Artikolu 821 tal-Kap. 16, aktar u aktar meta r-rimedju tar-ritrattazzjoni huwa rimedju straordinarju.

5. L-Avukat Generali, b'risposti separati ghaz-zewg rikorsi, ha l-posizzjoni li l-ewwel sentenza kienet wahda gusta u li ghalhekk kienet timmerita li tigi konfermata.

## **<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

6. Din il-Qorti, l-istess bhall-Qorti li ppronunzjat is-sentenza appellata, inghatat il-fakolta`, fi kliem l-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni – u fl-artikolu korrispondenti tal-Kap 319 – li *"…taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, <u>jew tizgura t-twettiq</u>…"* tad-drittijiet u libertajiet fondamentali skond il-Kostituzzjoni u skond il-Konvenzjoni Ewropea. Dawn il-kliem, kif gie ta' spiss innotat minn din il-Qorti, jaghtu poteri mill-aktar vasti u ampji kemm lill-Prim Awla u, fil-kaz ta' appell, lil din il-Qorti [Qorti Kostituzzjonali], poteri li ghandhom jigu utilizzati sa fejn huwa possibbli in konformita u konsonanza ma' disposizzjonijiet ohra tal-

ligi biex, filwaqt li jigu ripristinati d-drittijiet fondamentali li jkunu gew vjolati jew ma jithalliex li jinkisru dawk id-drittijiet li x'aktarx ser ikunu miksura, il-qafas guridiku jigi skoss mill-anqas. Addirittura l-ligi tipprovdi li l-Prim Awla u, *a fortiori*, din il-Qorti jistghu jaghtu rimedji differenti minn dawk li jkunu gew mitluba – ara r-regola 3(2) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati. Principju iehor li jigi applikat f'kawzi bhal dik in dizamina huwa li jekk ikun hemm rimedju taht il-ligi ordinarja – anke jekk dak ir-rimedju jkun, taht dik il-ligi ordinarja, jitqies bhala wiehed straordinarju, bhalma hu l-istitut tar-ritrattazzjoni – dak ir-rimedju ghandu, sa fejn huwa possibbli, jigi l-ewwel esperit.

7. Issa, ma hemmx dubbju li l-kaz in dizamina jippresenta aspetti insoliti. Il-konjugi Ruggier qed jallegaw, bazikament, li gie xolt kuntratt ta' cens perpetwu, bil-konsegwenti "telf" ta' proprjeta taghhom, bi proceduri gudizzjarji li saru minghajr ma' huma kienu gew debitament notifikata bl-atti u bl-avviz tas-smigh. L-imsemmija konjugi kienu ttantaw procedura ta' ritrattazzjoni, izda sabu l-izbarrament procedurali tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 818 tal-Kap. 16, li jimpedixxi tassattivament li ssir ritrattazzjoni wara li jghaddu hames snin minn meta tkun inghatat l-ewwel sentenza.

8. Wara li ezawrew dan ir-rimedju tar-ritrattazzjoni taht il-ligi "ordinarja", ir-rikorrenti konjugi Ruggier fethu l-proceduri tal-lum, li bihom qeghdin ifittxu rimedju Kostituzzjonali fuq l-allegazzjoni li fil-kawza maqtugha bis-sentenza ta' l-14 ta' Novembru 1994 (cit. nru. 749/94) huma ma kenux notifikati debitament bl-atti u b'hekk ma nghatawx smigh xieraq u giet ottenuta sentenza li ccahhadhom mill-proprjeta` taghhom. Huma qeghdin jitolbu li jinghataw rimedji opportuni biex jaghmlu tajjeb ghall-vjolazzjonijiet tad-drittijiet taghhom salvagwardati bl-artikoli relattivi tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni, inkluz ir-rimedju li tigi annullata u rexissa s-sentenza msemmija tal-14 ta' Novembru 1994.

9. L-ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, kienet kompletament konsapevoli li l'ezitu tal-kawza odjerna kien jiddependi fuq il-kwistjoni jekk saritx notifika debita jew le ta' l-atti fl-imsemmija kawza. Madanakollu, dik il-Qorti dehrilha li l-istharrig dwar jek saritx in-notifika m'ghandux isir fi proceduri "kostituzzjonali" izda fi proceduri taht il-ligi ordinarja u precizament taht l-istitut tar-ritrattazzjoni, nonostante li dan hu konsiderat fil-gurisprudenza bhala rimedju "straordinarju".

10. L-ewwel Qorti effettivament irravvizat il-possibilita konkreta ta' lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq (u ksur konsegwenzjali iehor) f'dan il-kaz proprju minhabba l-imsemmi divjet procedurali skond l-Artikolu 818(2). Fl-istess waqt dik il-Qorti nnutat li jekk ghandu effettivament jinghata r-rimedju tar-"ritrattazzjoni" billi l-proceduri ghax-xoljiment tal-kuntratt ta' cens perpetwu jergghu jinstemghu mill-gdid f'sede ordinarja, allura anke it-thassir tal-proceduri 749/1994 kellu, jekk dan hu possibbli (u l-ewwel Qorti ghamlitu possibbli bil-provvediment li tat) isir ukoll f'sede ordinarja biex b'hekk l-istitut tar-ritrattazzjoni kif koncepit fl-Artikoli 811 *et seq.* tal-Kap. 12 jibqa' kemm jista' jkun integru. Kien proprju ghalhekk li l-ewwel Qorti pprovdiet bhala rimedju, differenti minn dak mitlub mill-konjugi Ruggier, li tkun tista' ssir il-procedura ta' ritrattazzjoni *ex novo*, s'intendi minghajr l-ostakolu ravvizat fl-Artikolu 818(2).

11. Bid-dovut rigward lejn l-ewwel Qorti, din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan ir-"rimedju" li gie eskogitat fis-sentenza appellata u cioe` li r-rikorrenti konjugi Ruggier jergghu jressqu talba gudizzjarja taht l-Art. 811(b) ghas-smigh mill-gdid tal-kawza maqtugha bis-sentenza tal-14 ta' Novembru 1994. Kontrarjament ghal dak li gie prospettat mill-ewwel Qorti jidher li r-rimedju maghzul minnha la huwa wiehed verament idoneju u lanqas wiehed tajjeb u efficjenti. Infatti, l-imsemmi rimedju implicitament jirrexxindi is-sentenza tar-ritrattazzjoni precedenti, u mhux biss ipoggi lir-rikorrenti konjugi Ruggier fl-istat li kienu fih qabel ma giet intavolata l-kawza tar-ritrattazzjoni, talli sahansitra ipoggihom fil-pozizzjoni li kienu fiha meta kienu ghaddew biss erba' snin u ghaxar

xhur wara s-sentenza tal-14 ta' Novembru 1994. Ghandu jgi notat li r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti, imur ghalhekk dijametrikament kontra l-imsemmi Artikolu 818(2), kif ukoll kontra l-Artikolu 821 tal-Kap. 12 li jimponi tassttivament li t-talba ghar-ritrattazzjoni ma tistax issir izjed minn darba wahda hlief ghal ragunijiet li jinqalghu <u>wara</u> l-ewwel wahda.

12. Certament, dan kollu juri li r-rimedju maghzul fis-sentenza appellata mhux biss jimmoltiplika l-kawzi u jkompli jtawwal il-proceduri talli jinterferixxi serjament ma' l-integrita` ta' l-istatut tar-ritrattazzjoni. Dana aktar u aktar meta l-ewwel Qorti irrikorriet ghalih minghajr qabel ma stabbiliet car u tond li kien hemm xi vjolazzjoni ta' dritt fondamentali tar-rikorrenti konjugi Ruggier.

13. Fil-fehma ta' din il-Qorti, la darba rrizulta li r-rikorrenti kienu ezawrew ir-rimedju tar-ritrattazzjoni, ma kien hemm xejn xi jzomm lill-ewwel Qorti li tistabilixxi <u>hija stess</u> jekk l-att tac-citazzjoni in kwistjoni kenitx giet notifikata debitament lill-parti telliefa u jekk din kenitx giet notifikata bis-smigh tal-kawza – fatti dawn li jkollhom konsegwenzi determinanti ghall-ezitu tal-kawza odjerna u li setghu facilment jigu accertati u stabbiliti mill-atti ta' l-istess kawza odjerna. Infatti, il-kontendenti gew awtorizzati, u effettwament ressqu il-provi kollha taghhom, dwar din il-kwistjoni ghaliex l-ewwel Qorti tidher li stradat il-kawza proprju f'din id-direzzjoni. Dana jirrizulta mhux biss mill-verbali ta' l-udjenzi mizmuma mill-ewwel Qorti, izda jittrapela wkoll mis-sentenza preliminari tat-12 ta' Dicembru 2005 (li biha gew respinti l-ewwel tliet eccezzjonijiet ta' l-Avukat Generali) fejn, *inter alia*, jinghad a fol. 72 tergo:
"Kien biss billi jifthu l-proceduri tallum illi r-rikorrenti setghu jfittxu li jaghmlu l-prova li jehtigilhom jaghmlu."

14. Jirrizulta wkoll li n-nota ta' osservazzjonijiet li ressqu il-kontendenti, kif awtorizzati mill-ewwel Qorti, jikkoncentraw fuq analizi li ghamlu dwar l-istess provi akkwiziti fil-process dwar il-kwistjoni tan-notifika *o meno* ta' l-atti in kwistjoni, s'intendi b'kull parti telabora

interpretazzjoni li taqbel mat-tezi u l-pozizzjoni li tkun hadet fil-kawza.

Ghandu jinghad ukoll li waqt it-trattazzjoni orali mizmuma fl-udjenza tas-27 ta’ April 2002 din il-Qorti ma setghetx ma tinnotax li d-difensuri tar-rikorrenti konjugi Ruggier u dawk ta’ l-intimat Ruggier, qablu bejniethom li l-ewwel Qorti kien mistenni minnha li tiddeciedi jekk kienx hemm notifika valida tac-citazzjoni u ta’ l-atti l-ohra rilevanti, ghaliex verament kollox tista’ tghid kien jiddependi fuq din id-decizjoni.

15. Minn dak li ntqal sa issa jidher car li z-zewg appellanti kellhom ragun jillanjaw li r-rimedju moghti fis-sentenza appellata ma kienx l-aktar wiehed opportun u idoneju u li l-kwistjoni kellha u ghandha tigi deciza mill-ewwel Qorti fuq il-provi gia` akkwiziti fil-process odjern.

16. La darba din il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni, hemm lok li z-zewg appelli jintlaqghu in parti u cioe` fis-sens premess. Certament din il-Qorti m’ghandhiex tghaddi biex tiddeciedi l-istess kwistjoni dwar jekk kienx hemm id-debita notifika ta’ l-atti imsemmija hija stess u eventwalment tiddetermina l-meritu kollu tal-kawza ghaliex, apparti ragunijiet ohra, ma tridx tillimita l-beneficcju tad-doppju ezami lill-ebda parti.

17. Ghar-ragunijiet fuq moghtija, tilqa’ in parte u fis-sens premess iz-zewg appelli ta’ l-appellanti u ghalhekk, filwaqt li tirrevoka u thassar is-sentenza appellata tal-10 ta’ Lulju 2006, tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti sabiex din tiddisponi mill-kawza fit-termini ta’ din is-sentenza u skond il-ligi, u tqieghed lill-kontendenti kollha fil-pozizzjoni li kienu fiha fiz-zmien minnufih qabel inghatat is-sentenza appellata.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez konnessi mas-sentenza appellata, kif ukoll ta’ din l-istanza, jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------